



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, it-22 ta' Settembru 2020

L-awdituri jikkonfermaw li l-progress tad-diġitalizzazzjoni tal-industrija Ewropea mhuwiex għaddej b'mod uniformi

L-Ewropa mhijiex qed tibbenefika bis-sħiħ mit-teknoloġiji avvanzati biex tinnova u tibqa' kompetittiva. Fl-2016, il-Kummissjoni Ewropea nediet l-inizjattiva dwar id-Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea (DEI) biex tagħti spinta lid-diġitalizzazzjoni tan-negozji tal-UE. Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, minkejja l-isforzi tal-Kummissjoni biex tagħti appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali, il-progress tal-inizjattiva ma kienx uniformi fost l-Istati Membri. Xi pajjiżi għad ma għandhomx strateġiji ta' diġitalizzazzjoni nazzjonali, jew ma ħadux ċerti azzjonijiet speċifiċi, bħal li jistabbilixxu Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali (DIHs).

It-trasformazzjoni diġitali tal-industrija, jew id-diġitalizzazzjoni, hija aktar minn sempliċiment l-akkwiżizzjoni ta' tagħmir u sistemi ġodda tal-IT. Hija tinvolvi l-użu tal-possibiltajiet offruti minn teknoloġiji ġodda biex l-aspetti kollha tal-proċess tan-negozju jitqiesu mill-ġdid. Id-diġitalizzazzjoni tal-industrija tal-UE għamlet progress fi snin reċenti, iżda b'ritmi differenti fost il-pajjiżi, ir-reġjuni u s-setturi. Hemm ukoll differenzi kbar bejn il-kumpaniji kbar u l-intrapriżi żgħar u medji (SMEs).

"It-tħaddin tat-trasformazzjoni diġitali huwa essenzjali għall-kumpaniji Ewropej tagħna biex jibqgħu kompetittivi fil-livell globali. Huwa stmat li d-diġitalizzazzjoni fl-UE tista' tiġġenera aktar minn EUR 110 biljun fi dħul kull sena," qalet **Iliana Ivanova, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport**. *"S'issa, madankollu, il-progress fost l-Istati Membri tal-UE ma kienx uniformi. Biex tirnexxi, l-inizjattiva dwar id-DEI teħtieġ l-impenn kontinwu tal-partijiet interessati kollha – l-UE, il-gvernijiet u n-negozji."*

L-għan tal-inizjattiva dwar id-DEI huwa li ssaħħaħ il-kompetittività tal-UE fit-teknoloġiji diġitali u tassigura li kull negozju fl-Ewropa – irrispettivament mis-settur, id-daqs jew il-lok – ikun jista' jibbenefika mill-innovazzjonijiet diġitali. L-inizjattiva kellha l-għan li timmobilizza

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

madwar EUR 50 biljun ta' investment pubbliku u privat fil-ħames snin wara t-tnedija tagħha.

L-awdituri żaru erba' Stati Membri – il-Ġermanja, l-Ungerija, il-Polonja u l-Portugall – biex jiġbru evidenza diretta tal-progress, fuq il-post. L-istrateġija tal-Kummissjoni biex tagħti spinta lid-diġitalizzazzjoni kienet ibbażata fis-sod u appoġġata mill-Istati Membri tal-UE, iżda ma kellhiex informazzjoni dwar l-eżiti intenzjonati. Il-Ġermanja u l-Portugall għandhom strateġiji fis-seħħ, iżda l-Ungerija u l-Polonja kienu għadhom ma żviluppawx strateġija komprensiva ta' diġitalizzazzjoni nazzjonali fl-2019. Filwaqt li l-Kummissjoni wettqet bosta attivitajiet biex tgħin l-Istati Membri, b'mod ġenerali l-awtoritajiet nazzjonali jindikaw li dawn kellhom biss influwenza limitata fuq l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji ta' diġitalizzazzjoni nazzjonali tagħhom. L-awdituri josservaw ukoll li t-total tal-ispiża tal-ħolqien u l-manutenzjoni ta' qafas għall-appoġġ tad-diġitalizzazzjoni tal-industrija tal-UE mhuwiex magħruf. Rigward l-użu ta' fondi tal-UE, Orizzont 2020 ta appoġġ għall-inizjattiva u kien hemm ukoll miżuri li potenzjalment taw appoġġ għall-implimentazzjoni tad-DEI fil-programmi taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) li ġew rieżaminati. Madankollu, il-Kummissjoni ma ħeġġitx lill-Istati Membri biex jallokaw finanzjament taħt il-FEŻR għall-inizjattiva.

Wieħed mill-elementi ewlenin tal-inizjattiva dwar id-DEI huwa l-istabbiliment u l-operat ta' Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali (DIHs), biex jipprovdu pariri dwar teknoloġiji u networking għan-negozji lokali. Ħlief għall-Ġermanja, il-kunċett tad-DIHs ma ġiex żviluppat bis-sħiħ fl-Istati Membri li żorna. L-awdituri sabu eżempji fejn l-ammont limitat ta' finanzjament nazzjonali pubbliku u privat għall-attivitajiet tad-DIHs kien intuża b'mod mhux ikkoordinat; u jiġbdu l-attenzjoni għall-fatt li l-Kummissjoni ma timmonitorjax l-attivitajiet tad-DIHs b'mod speċifiku fl-UE kollha, ħlief għal dawk iffinanzjati minn Orizzont 2020. Il-finanzjament taħt il-FEŻR jista' jintuża għall-finanzjament tad-DIHs, iżda dan kważi qatt ma sar.

Fl-aħħar nett, livelli tajbin ta' konnettività broadband huma prerekwiżit għad-diġitalizzazzjoni. [Kif diġa ġie enfasizzat f'awditu li twettaq fl-2018](#), mhux l-Istati Membri kollha x'aktarx li jilħqu l-miri tal-UE għall-2020 rigward il-kopertura tal-broadband, u l-ilħuq tal-miri għall-2025 se jkun saħansitra aktar diffikultuż. Barra minn hekk, l-użu ta' broadband veloċi jvarja bil-kbir fost il-kumpaniji ta' daqsijiet differenti (eż. fl-2019, 46 % biss tal-SMEs kellhom aċċess għall-broadband veloċi), u dan inevitabilment qed iżomm lura r-rivoluzzjoni industrijali diġitali fl-UE kollha.

L-awdituri jagħmlu għadd ta' rakkomandazzjonijiet, li jieħdu inkunsiderazzjoni wkoll il-programm Ewropa Diġitali ġdid propost għall-perjodu 2021-2027, li għadu qed jiġi diskuss. Dawn huma relatati ma':

- għoti ta' għajnuna lill-Istati Membri biex jiġu identifikati n-nuqqasijiet fil-finanzjament tagħhom, filwaqt li tingħied l-attenzjoni tagħhom għall-finanzjament tal-UE disponibbli;
- titjib fil-monitoraġġ tal-inizjattiva dwar id-DEI billi jiġu stabbiliti indikaturi xierqa tar-riżultati u jiġi ttraċċat l-infiq;
- definizzjoni, koordinazzjoni u adozzjoni tal-qafas għal network ta' DIHs Ewropej li jkun ikopri r-reġjuni kollha fl-Ewropa; u
- azzjoni ulterjuri biex tagħti appoġġ għall-ilħuq ta' livelli xierqa ta' konnettività broadband.

Noti lill-edituri:

Ir-Rapport Speċjali Nru 19/2020: *“Id-Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea: inizjattiva ambizzjuża li s-suċċess tagħha jiddependi mill-impenn kontinwu tal-UE, tal-gvernijiet u tan-negozji”* huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA bi 23 lingwa tal-UE.

Id-diġitalizzazzjoni hija waħda mill-oġġettivi prinċipali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), li hija parti mill-pakkett Next Generation EU għat-tnaqqis tal-impatt soċjoekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19. Dan l-aħħar, il-QEA ppubblikat [opinjoni](#) dwar l-RRF. F’rapport preċedenti, l-awdituri eżaminaw ukoll il-[kopertura bil-broadband fl-Istati Membri tal-UE](#).

Informazzjoni dwar il-miżuri li l-QEA ħadet b’reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 tista’ tinstab [hawnhekk](#).

Kuntatt għall-istampa: Claudia Spiti claudia.spiti@eca.europa.eu T: (+352)439845547 / M:(+352)691553547